MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 542/2011

**Mobisle Communications Limited – C24655**

**vs**

**Roger Farrugia (ID 250190M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Gunju 2011, fejn intalab li l- konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' mija, hamsa u tmenin Euro tmienja u sittin centezmu (€985.68c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, l-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2011, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija, hamsa u tmenin Euro tmienja u sittin centezmu (€985.68c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------